



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.12.2015  
COM(2015) 652 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-programm "L-Ewropa  
għaċ-ċittadini" għall-2007-2013**

{ SWD(2015) 286 final }  
{ SWD(2015) 287 final }

# **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

## **dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini” għall-2007-2013**

F’konformità mad-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE<sup>1</sup>, u abbażi tal-konklużjonijiet ta’ evalwazzjoni *ex-post* esterna<sup>2</sup>, dan ir-rapport joffri ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” 2007-2013.

### **1. SFOND**

#### **1.1. Introduzzjoni**

L-Unjoni Ewropea (UE) irrikonoxxiet f’diversi okkażjonijiet il-ħtieġa li tersaq eqreb lejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri u biex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b’mod sħiħ fil-bini ta’ Unjoni dejjem aktar magħquda, filwaqt li tenfasizza l-valuri essenzjali li huma kondiviżi miċ-ċittadini Ewropej.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini” ġie stabbilit f’Diċembru 2006 għal perjodu ta’ seba’ snin (mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013). Il-programm ġie meqjus bħala l-ewwel pass lejn strateġija aktar koerenti u politika fil-qasam tal-parteciċipazzjoni ċivika. Kien maħsub biex jappoġġja firxa wiesgħa ta’ attivitajiet u ta’ organizzazzjonijiet favur il-promozzjoni ta’ ċittadinanza attiva permezz tal-involvement ta’ ċittadini individwali, awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea.

L-“Ewropa għaċ-Ċittadini” (minn hawn ’il quddiem msemmi bħala “EFCP” jew “il-Programm”) mibni fuq esperjenza ta’ azzjonijiet preċedenti, speċjalment dik tal- “programm ta’ azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva” (2004-2006)<sup>3</sup>, li kkonferma l-ħtieġa li jiġi żviluppat id-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-muniċipalitajiet, u biex tappoġġja l-parteciċipazzjoni ċivika.

#### **1.2. L-għanijiet tal-programm “L-Ewropa għaċ-ċittadini” għall-2007 sal-2013**

L-għanijiet tal-Programm kienu kif ġej:

- li iċ-ċittadini jingħataw l-opportunità li jinteraġixxu u jieħdu sehem fil-bini ta’ Ewropa dejjem eqreb, li tkun demokratika u orjentata lejn id-dinja, magħquda fid-diversità kulturali tagħha u arrikkita minnha, u b’hekk tiġi żviluppata iċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea;
- li jiġi żviluppat sens ta’ identità Ewropea, ibbażat fuq il-valuri, l-istorja u l-kultura komuni;

<sup>1</sup> Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007 sal-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva, ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32-40.

<sup>2</sup> Ex post evaluation of the Europe for Citizens Programme, Coffey International Development and Deloitte, 2015

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta’ Jannar 2004 li tistabbilixxi programm ta’ azzjoni tal-Komunità biex tippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (parteciċipazzjoni taċ-ċittadini)

- li jitrawwem sens ta' appartenenza fil-konfront tal-Unjoni Ewropea fost iċ-ċittadini tagħha;
- li jissaħħu t-tolleranza u l-fehim reċiproku bejn iċ-ċittadini Ewropej b'rispett għad-diversità kulturali u lingwistika u l-promozzjoni tagħha, filwaqt li jkun hemm kontribut għal dialogu interkulturali.

L-għanijiet speċifiċi tal-programm kienu kif ġej:

- it-tlaqqiġ flimkien ta' nies minn komunitajiet lokali minn madwar l-Ewropa sabiex jaqsmu u jiskambjaw esperjenzi, opinjonijiet u valuri, sabiex jitgħallmu mill-istorja u jibnu għall-ġejjieni;
- it-trawwim ta' azzjoni, dibattitu u riflessjoni relatati maċ-ċittadinanza Ewropea u d-demokrazija, il-valuri kondiviżi, l-istorja u l-kultura komuni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew;
- li l-Ewropa tinġieb eqreb taċ-ċittadini tagħha permezz tal-promozzjoni tal-valuri u l-kisbiet tal-Ewropa, filwaqt li tinżamm il-memorja tal-imgħoddi tagħha;
- l-inkoraġġiment tal-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi parteċipanti kollha, filwaqt li jkun hemm kontribut għad-dialogu interkulturali u tingħata prominenza kemm lid-diversità kif ukoll lill-għaqda tal-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp ta' rabtiet eqreb bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif kostitwita fit-30 ta' April 2004 u dawk mill-Istati Membri li ssieħbu minn dak iż-żmien 'il hawn.

Minħabba l-fatt li l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi kif ukoll l-azzjonijiet tal-programm kienu definiti mid-Deċiżjoni li stabbilliet il-Programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini 2007-2013, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura ma kellhomx marġini kbar ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-programm.

## **2. L-ATTIVITAJIET EWLENIN U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM**

L-EFCP ipprovdiet appoġġ finanzjarju għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li ġew raggruppati taħt erba' azzjonijiet.

### **2.1. L-erba' azzjonijiet tal-programm**

#### **Azzjoni 1: Ċittadini attivi għall-Ewropa**

Din il-miżura offriet fondi biex jiġu organizzati laqgħat taċ-ċittadini, networks ta' bliet ġemellati, kif ukoll proġetti taċ-ċittadini b'dimensjoni transnazzjonali u transsettorjali. Dawn l-attivitajiet kienu kollha mmirati lejn it-tisħiħ tal-għarfien u l-fehim reċiproku bejn iċ-ċittadini minn muniċipalitajiet u kulturi differenti. Din l-azzjoni inkludiet wkoll miżuri ta' appoġġ bil-għan li titjeb il-kwalità ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet u l-proġetti taċ-ċittadini.

#### **Azzjoni 2: Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa**

Din il-miżura pprovdiet appoġġ strutturali għall-gruppi ta' riflessjoni Ewropej u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għall-proġetti li nbdeu minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Kellha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li joperaw fil-livell Ewropew u b'hekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-EFCP.

#### **Azzjoni 3: Flimkien għall-Ewropa**

##### ***Avvenimenti ta' profil għoli***

Din il-miżura appoġġat avvenimenti organizzati mill-Kummissjoni Ewropea, xi drabi b'kooperazzjoni mal-Istati Membri jew sħab rilevanti oħra, bil-għan li ċ-ċittadini Ewropej isiru konxji tal-istorja Ewropea u l-kisbiet u l-valuri tal-UE.

### ***Studji, informazzjoni u komunikazzjoni.***

Sabiex tippovdi fehim aħjar ta' ċittadinanza attiva fil-livell Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea wettqet dawn l-istudji:

- *Ix-xogħol volontarju fl-Unjoni Ewropea* (2010)
- *Studju dwar il-Massimizzazzjoni tal-Potenzjal tal-Mobbiltà fil-Bini tal-Identità Ewropea u l-Promozzjoni tal-Parteċipazzjoni Ċivika* (2011)
- *Iċ-ċittadinanza Parteċipattiva fl-Unjoni Ewropea* (2012)
- *Kejl tal-Impatt tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"* (2013)

Informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-programm u fuq inizjattivi oħra taċ-ċittadinanza ġiet pprovduta permezz ta' websajt tal-Internet u għodda oħra ta' komunikazzjoni (fuljetti, DVDs).

### ***Il-Punti ta' Kuntatt ta' "L-Ewropa għaċ-Ċittadini"***

Il-punti ta' kuntatt ġew stabbiliti gradwalment mill-2008 'l quddiem biex jiżguraw it-tixrid ta' informazzjoni Prattika dwar l-implimentazzjoni tal-programm, l-attivitajiet tiegħu u l-possibiltajiet ta' finanzjament u biex jipprovdu assistenza lill-applikanti u l-benefiċjarji tal-programmi.

Fl-2013, total ta' 28 Punt ta' Kuntatt ta' "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" kienu operattivi f'pajjiżi parteċipanti, li minnhom 22 irċevew għotjiet operattivi mill-Kummissjoni Ewropea.

### **Azzjoni 4: Kommemorazzjoni Ewropea Attiva**

Din il-miżura offriet fondi għal proġetti ta' kommemorazzjoni tal-vittmi tal-qirda u d-deportazzjoni tal-massa kif ukoll għall-preservazzjoni ta' siti ta' kommemorazzjoni, monumenti u arkivji.

#### **2.2. Baġit**


Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-EFCP mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 kien ta' EUR 215-il miljun. Dan il-baġit kien ikkritikat minn ħafna bħala modest wisq meta mqabbel mal-għanijiet ambizzjużi u aspettattivi għoljin dwar l-eżiti tal-programm.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tal-baġit totali bejn l-attivitajiet differenti tal-programm, EUR 78,280 miljun kienu mogħtija lil bliet u muniċipalitajiet permezz taż-żewġ tipi ta' proġetti ta' ġemellaġġ, EUR 14,203 miljun intefqu fuq proġetti ta' kommemorazzjoni u EUR 35,077 miljun fuq is-soċjetà ċivili u l-proġetti taċ-ċittadini filwaqt li EUR 49,935 miljun ġew mogħtija bħala appoġġ strutturali għal gruppi ta' riflessjoni u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea.

#### **2.3. Applikazzjonijiet riċevuti**

Matul il-perjodu 2007-2013, kienu sottomessi kważi 20 000 applikazzjoni għall-għotjiet. L-erba' azzjonijiet ewlenin tal-programm kienu laqgħat taċ-ċittadini fi bliet ġemellati (CM), netwerks ta' bliet ġemellati (NTT), proġetti ta' kommemorazzjoni (REM) u proġetti tas-soċjetà ċivili (CSP).

### Numru totali ta' applikazzjonijiet sottomessi (2007-2013)



Sors: Rapport tal-Attività 2007-2013 provdut mill-EACEA

Il-programm kellu żieda kostanti fin-numru ta' applikazzjonijiet ta' aktar minn 45 % bejn l-2007 u l-2013. Il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet ikkonċernaw il-ġemellaġġ bejn l-ibliet (madwar żewġ terzi minnhom). Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva ħadu miżuri biex jindirizzaw din iż-żieda b'mod effiċjenti, b'mod partikolari l-ġestjoni mingħajr karti tal-proċedura ta' applikazzjoni u ta' rapportar, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri interni u t-tqassir tal-konklużjoni tal-kuntratt u t-termini tal-ħlas.

Minħabba n-numru dejjem jikber ta' applikazzjonijiet, il-kompetizzjoni saret dejjem aktar intensa bejn l-applikanti u r-rati ta' suċċess naqsu. Pereżempju, matul l-aħħar sena tal-programm (2013), l-applikazzjonijiet għal proġetti tas-soċjetà ċivili kellhom biss 4,5% ċans ta' suċċess filwaqt li fl-2007 kien possibbli li jiġu ffinanzjati 48% tal-proġetti rċevuti. Il-proġetti ta' ġemellaġġ kienu l-inqas selettivi, aktar minn 20% tal-applikanti kienu mogħtija finanzjament.

Fl-istess ħin, il-baġit tal-proġetti kif ukoll in-numru ta' parteċipanti u s-sħab u l-pajjiżi involuti, żdiedu matul it-tieni nofs tal-programm rifless tal-ambizzjoni dejjem tikber fost l-applikanti.

#### 2.4. L-oriġini ġeografika tal-proġetti


Il-Ġermanja kienet l-Istat Membru li introduċiet l-ikbar numru ta' proġetti (2 791), segwita minn Franza (2 537), l-Ungerija (2 434), l-Italja (2 265), u l-Polonja (1 219).

Fl-2007, dawn il-ħames pajjiżi rrappreżentaw aktar minn 70% tal-proġetti sottomessi. Fl-2013, dak is-sehem kien ta' 54%. Madankollu, filwaqt li l-ishma ta' Franza u l-Ġermanja, u sa ċertu punt, il-Polonja naqsu b'mod sinifikanti, daww tal-Italja u fuq kollox tal-Ungerija kibru konsiderevolment, bl-Ungerija tippreżenta l-akbar numru ta' applikazzjonijiet sottomessi matul l-aħħar sena tal-programm.

Bejn l-ewwel u l-aħħar sena tal-programm, is-sehem relattiv ta' applikazzjonijiet mill-Ewropa tal-Lvant u l-Balkani żdied u s-sehem relattiv tal-Ewropa Ċentrali u tat-Tramuntana naqas. Mhux l-Ungerija biss, iżda wkoll is-Slovakkja, ir-Rumanija u s-Slovenja raw tkabbir sinifikanti u t-tliet pajjiżi Baltiċi ttriplikaw l-għadd ta' applikazzjonijiet matul l-istess perjodu

filwaqt li l-Lussemburgu, id-Danimarka u l-Portugall ipparteċipaw sa ċertu punt f'EFCP. Dan jista' jiġi spjegat parzjalment min-nuqqas ta' Punti ta' Kuntatt ta' "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" f'dawk il-pajjiżi.

### Il-perċentwal ta' proġetti mressqa fl-2013 meta mqabbel mal-2007 (skont il-pajjiż)



Sors: *Rapport tal-Attività 2007-2013 provdut mill-EACEA*

### 2.5. Parteċipanti u sħab

Matul is-snin, il-proġetti sottomessi involvew għadd dejjem jikber ta' parteċipanti. B'mod ġenerali, l-għadd totali ta' parteċipanti diretti tal-proġett żdied minn 700 000 fl-2007 għal 1 175 000 fl-2013. Dan kien xprunat minn żieda kostanti fin-numru ta' parteċipanti mil-ħuqa mill-proġetti tas-soċjetà ċivili u tnaqqis gradwali fin-numru ta' laqgħat dwar il-ġemellaġġ tal-bliet relattivament żgħar.

L-għadd totali ta' sħab għal kull proġett ukoll żdied b'mod konsiderevoli. Pereżempju, bejn l-2007 u l-2013, l-għadd ta' sħab f'proġetti tas-soċjetà ċivili u f'netwerks ta' bliet ġemellati rdoppja.

Matul is-snin, jidher ukoll li l-applikanti saru aktar esperjenzati u bħala konsegwenza ppreżentaw proġetti aktar kumplessi li kienu jinvolvu aktar parteċipanti.

### 2.6. Kwalità tal-proġetti

Matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-programm (2007), proġetti ta' ġemellaġġ bejn l-bliet ta' spiss kienu laqgħat bejn nies minn pajjiżi differenti li jindirizzaw diversi temi ġenerali bħalma huma l-kultura, iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, l-isport, it-turiżmu jew scouting.

Permezz ta' miri u azzjonijiet strateġiċi mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva, proġetti ffinanzjati skont il-miżuri ta' ġemellaġġ u netwerks tal-bliet tal-EFCP saru progressivament proġetti akbar, aktar strutturati u aktar ambizzjużi, marbuta b'mod aktar speċifiku mal-għanijiet tal-programm u l-programmi ta' ħidma annwali tiegħu, li jinvolvu għadd kbir ta'

bliet u rħula u li jiffokaw fuq aktar kwistjonijiet konkreti, bħall-kriżi finanzjarja u dik ekonomika, il-problemi ambjentali jew l-integrazzjoni ta' migranti u ħaddiema mobbli, eċċ. Dawn il-proġetti kienu aktar suxxettibbli li jkollhom impatt akbar fuq iċ-ċittadini.

Bl-istess mod, ir-rekwiżiti f'termini ta' kontenut saru iżjed stretti għal proġetti ta' kommemorazzjoni, proġetti taċ-ċittadini u proġetti tas-soċjetà ċivili, li jgħolqu rabta aktar b'saħħha mal-objettivi tal-programm. Konsegwentement, għadd dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet fuq skala kbira introduċew aktar proġetti innovattivi b'dimensjoni Ewropea aktar qawwija.

## **2.7. Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet**

Kif previst mid-Deċiżjoni li stabbiliet l-EFCP, il-mekkaniżmu ta' finanzjament għall-għotjiet operattivi kien mibdul matul il-perjodu tal-programm. Mill-2007 sal-2009, għadd ta' gruppi ta' riflessjoni u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili<sup>4</sup> ġew nominati biex jirċievu appoġġ strutturali, filwaqt li matul it-tieni nofs tal-programm, l-għotjiet operattivi kienu allokati wara sejħiet għal proposti. It-tranżizzjoni lejn proċedura ta' għażla kompetittiva żiedet il-persjoni fuq l-applikanti u l-benefiċjarji, u b'hekk ikkontribwiet għal programmi ta' ħidma aktar ambizzjużi b'impatt iktar qawwi.

## **3. X'KISEB IL-PROGRAMM “L-EWROPA GĦAĊ-ĊITTADINI”?**

### **3.1. Kuntest politiku li joffri sfida**

L-adeżjoni ta' tmax-il Stat Membru ġdid bejn l-2004 u l-2007 ippreżentat sfidi importanti għall-approfondiment tal-integrazzjoni Ewropea. B'mod partikolari, ingħata prijorità l-bżonn ta' fehim komuni tal-kultura u l-valuri Ewropej, iżda wkoll biex jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew u jippromwovu l-parteċipazzjoni ċivika tagħhom fl-Ewropa.

Bejn l-2007 u l-2013, l-istituzzjonijiet tal-UE kellhom ukoll jgħaddu mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika li affettwat lil ħafna ċittadini Ewropej fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Iffaċċjata bis-suċċess elettorali dejjem jikber tal-movimenti populistici li qajmu dubji dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni Ewropea, kien importanti għall-UE li turi l-valur miżjud tagħha u tikkonsidra l-preokkupazzjonijiet ewlenin taċ-ċittadini tagħha.

### **3.2. Ir-rilevanza tal-EFCP**

L-EFCP ikkontribwixxa biex iqajjem kuxjenza dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tal-UE, biex jitrawwem sens ta' appartenenza tal-UE, u biex jissaħħu t-tolleranza u l-komprensjoni reċiproka f'kuntest diffiċli.

Kuntrarjament għall-parti l-kbira tal-programmi ta' finanzjament tal-UE, li huma direttament marbuta ma' politiki speċifiċi tal-UE, l-EFCP mela l-vojt billi indirizza l-għan ġenerali tal-Kummissjoni biex iċ-ċittadini jitqarrbu lejn l-UE permezz ta':

- azzjonijiet li jippromwovu l-parteċipazzjoni ċivika;

---

<sup>4</sup> L-organizzazzjonijiet li ġejjin kienu magħżula għall-appoġġ strutturali: *Council of European Municipalities and Regions, Groupement d'études et de recherche Notre Europe* and *Institut für Europäische Politik, Platform of European Social NGOs, the European Movement* and the *European Council of Refugees and Exiles, Association Jean Monnet, Centre Européen Robert Schuman* and *Maisons d'Europe*.

- proġetti li jrawmu l-involvement ta' ċittadini fis-soċjetà ċivili;
- proġetti li jiġġeneraw interess fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-identità u l-kostruzzjoni tal-UE ;
- forum għal dialoġu ċivili li jinvolvi firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet li jaġixxu f'kuntest politiku u soċjali globali.

Dan serva bħala punt ta' tluq importanti għal ċittadini ordinarji li riedu jiddiskutu u jimpenjaw ruħhom mal-UE, u bħala pjattaforma dinamika ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali biex jiżviluppaw l-attivitajiet ta' ċittadinanza (ara l-eżempji fl-anness). F'termini ta' komplementarjetà ma' inizjattivi oħra tal-UE, il-programm kien differenti biżżejjed minn programmi oħra f'termini ta' skop, attivitajiet u gruppi fil-mira biex jipprovdu offerta komplementari.

Barra minn hekk, l-EFCP kellha rwol addizzjonali fuq livell nazzjonali peress li ma kienx hemm ħafna inizjattivi simili mmexxija mill-Istati Membri matul l-istess perjodu.

### **3.3. Promozzjoni tal-valuri**

Għadd kbir ta' proġetti tal-EFCP ikkontribwew biex jippromwovu valuri fundamentali li s-soċjetajiet Ewropej tagħna huma bbażati fuqhom, bħalma huma l-paċi, it-tolleranza, il-fehim reċiproku u s-solidarjetà. Il-promozzjoni ta' dawn il-valuri, l-involvement ta' ċittadini Ewropej fil-proċess ta' integrazzjoni kif ukoll il-kunċett tal-kommemorazzjoni Ewropea huma kwistjonijiet marbuta mal-proġett Ewropew. Dawn huma kwistjonijiet ta' preokkupazzjoni komuni fejn ir-riżorsi magħquda jistgħu jżidu l-valur.

L-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm uriet kif meta tlaqqgħu flimkien l-Ewropej minn Stati Membri differenti biex jiddiskutu u jaħdmu flimkien dwar kwistjonijiet ta' preokkupazzjonijiet komuni żdiedet il-kuxjenza tal-valuri fundamentali, il-grad ta' involviment fis-soċjetà u, fl-aħħar mill-aħħar, l-involvement tagħhom mal-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin l-appoġġ għall-attivitajiet li jippromwovu fehim reċiproku, diversità, dialoġu u rispett għal ħaddieħor jistgħu jgħinu biex jiġi żviluppat sens ta' appartenenza u identità Ewropea, ibbażati fuq fehim komuni tal-valuri Ewropej, il-kultura, l-istorja u l-wirt kulturali. Dawn l-inizjattivi għandhom il-potenzjal li joħlqu bidliet fl-attitudni tal-parteċipanti lejn ċittadini Ewropej oħra u li jsaħħu l-involvement tagħhom fi proċessi demokratiċi, kif ukoll l-għarfien u l-interess tagħhom fl-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-proċessi.

Dan kien ir-raġunament wara kważi l-proġetti u l-attivitajiet kollha tal-EFCP, li jvarjaw minn proġetti ta' ġemellaġġ ta' rħula żgħar ħafna b'numru relattivament żgħir ta' ċittadini u l-pajjiżi parteċipanti għal serje ta' avvenimenti ta' darba għal għotjiet operattivi kbar li ppermettew lill-NGOs li jsegwu għanijiet li ffokaw fuq iċ-ċittadinanza f'livell aktar politiku u istituzzjonali<sup>5</sup> (ara l-eżempji fl-anness).

### **3.4. Impatt fuq l-organizzazzjonijiet parteċipanti**

Il-programm għen biex javvanza l-moviment ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet billi jhegġegħ lill-ibliet u l-muniċipalitajiet jaħsbu f'modi aktar tematiċi, relatati mal-politika. Networks ta' bliet ġemellati kienu miżura ġdida introdotta mill-Kummissjoni f'tit wara l-bidu tal-EFCP 2007-2013 biex jikkomplimentaw il-miżuri ta' ġemellaġġ tradizzjonali minn tip ġdid ta' proġetti fuq skala akbar bil-għan li żżid l-impatt u s-sostenibbiltà tagħhom. Dan kien fih innifsu innovattiv u provda lill-ibliet parteċipanti b'opportunità li jiffurmaw konnessjonijiet dewwiema,

<sup>5</sup> Ecorys, *Interim evaluation of the Europe for Citizens Programme 2007-2013*, 2011.



jipproduċu riżultati sostanzjali u jinvolvu ruħhom ma' proċessi ta' tfassil ta' politika. L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-miżura "netwerks ta' bliet ġemellati" b'hekk żdied b'aktar minn 50% bejn l-2007 u l-2013.

Il-programm immira lejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm permezz ta' għotjiet operattivi kif ukoll permezz tal-iffinanzjar ta' proġetti. L-EFCP laħqet firxa ta' organizzazzjonijiet iffukati fuq l-UE li kisbu ċittadinanza attiva f'varjetà ta' modi differenti. Hekk ġiet żgurata attenzjoni kontinwa lejn oqsma rilevanti u l-preżenza ta' ilħna indipendenti matul dibattiti tal-politika tal-UE. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-programm ippermettiet lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab tagħhom biex jibnu l-kapaċità u l-esperjenza internazzjonali tagħhom, jitgħallmu minn xulxin u, f'xi każi, jiffurmaw netwerks sostenibbli.

Il-kommemorazzjoni kisbet prominenza dejjem akbar matul il-ħajja tal-programm. Fi proġetti sensittivi relatati mal-Olokawst u l-ġenoċidju, l-intervent tal-Kummissjoni żied valur sostanzjali fid-dibattiti billi inkoraġġixxa l-iskambju liberu u l-kunsiderazzjoni ta' opinjonijiet differenti.

**Matul il-perjodu tal-2007-2013, il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" kellu bejn wieħed u ieħor 7 miljun parteċipant dirett.**

**Il-programm laħaq kważi 25 000 belt fl-Ewropa u ħoloq 350 netwerk ta' bliet dwar kwistjonijiet komuni. 4 250 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili ġew immobilizzati biex jissodisfaw il-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini. Aktar minn 500 organizzazzjoni kienu involuti f'attivitajiet ta' kommemorazzjoni vis-à-vis iċ-ċittadini.**

### **3.5. Impatt fuq il-proċess tat-tfassil tal-politika**

Fir-rigward tat-tħallija ta' impatt politiku, l-EFCP estendiet il-kopertura tagħha u involviet liċ-ċittadini flivelli lokali u reġjonali. Madankollu, il-proġetti ż-żgħar li kienu mmirati lejn iċ-ċittadini flivell lokali kienu relattivament improbabbli li jinkorporaw il-kompetenzi u l-ambizzjoni meħtieġa biex jinfluwenzaw il-politika. Rigward proġetti fuq skala ikbar bħal netwerks ta' bliet ġemellati, proġetti tas-soċjetà ċivili u miżuri ta' appoġġ, huma pprovdew mod kif jinfluwenzaw il-politika filwaqt li jinvolvu liċ-ċittadini, iżda kellhom diffikultajiet sabiex jilhqnu individwi li ma kinux diġà impenjati b'mod attiv.

Impatt potenzjali seta' jinkiseb ukoll meta kien possibbli li tinħoloq rabta mal-proċess tat-tfassil tal-politika. Għotjiet operattivi u proġetti tas-soċjetà ċivili kellhom l-għan li jħallu impatt fuq il-proċessi tal-politika fil-livell Ewropew u rnexxew parzjalment, skont il-mekkaniżmi partikolari, il-gruppi destinatariji u l-metodi tagħhom. Fatturi bħal li tistabbilixxi netwerks sostenibbli (pereżempju tal-Alleanza għas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini EYCA) u l-involvement ta' gruppi destinatariji speċifiċi (bħal tfal, żgħażaġh u gruppi żvantaġġati, pereżempju n-nies li jkunu ġejjin minn żoni rurali remoti) urew li għandhom rwol kruċjali.

Barra minn hekk, l-EFCP kkontribwixxa għat-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE permezz tal-hekk imsejjaħ *djalogu strutturat*<sup>6</sup>, li żgura l-preżenza ta' ilħna indipendenti tas-soċjetà ċivili

<sup>6</sup> Id-*djalogu strutturat* kien jikkonsisti f'laqgħat regolari bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u madwar 50 organizzazzjoni Ewropea ewlenija involuti b'mod attiv f'EFCP biex jiddiskutu l-kwistjonijiet kollha marbuta ma' dan il-programm u l-implimentazzjoni tiegħu.

fid-dibattiti tal-UE, wettaq riċerka dwar kwistjonijiet marbutin maċ-ċittadinanza u offra forum għal djalogu mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra.

Intlaħaq impatt politiku tanġibbli matul is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 u s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 meta proġetti ffinanzjati mill-EFCP ikkontribwew biex iqajmu kuxjenza dwar ir-rwol tal-UE fl-oqsma tal-volontarjat u ċ-ċittadinanza u b'hekk kienu stabbiliti sinerġiji mal-aġenda tal-politiki Ewropej f'dawn l-oqsma.

#### **4. KONKLUŻJONIJIET**

Il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini 2007-2013 qanqal ħafna interess fost iċ-ċittadini, kif juri b'mod ċar it-tkabbir kostanti fin-numru tal-applikazzjonijiet. Iċ-Ċittadini huma ħerqana li jieħdu parti fid-diskussjonijiet u li jgħidu tagħhom f'politiki tal-UE li jaffettwaw il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Billi tikkunsidra ċ-ċittadinanza Ewropea bħala element importanti fit-tiġħ u s-salvagwardjar tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea użat l-EFCP biex iċ-ċittadini jingħataw din l-opportunità u b'mod aktar ġenerali biex tinkoraġġixxi l-involviment tagħhom fil-proġett Ewropew. Dan l-approċċ kien ibbażat fuq l-idea li l-parteċipazzjoni tgħin it-tiġħ tas-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE, l-iżvilupp ta' fehim reċiproku u l-identifikazzjoni mal-Ewropa, u għalhekk tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-proċess fuq medda twila ta' żmien ta' integrazzjoni Ewropea.

Anki jekk l-impatt fit-tul tal-EFCP huwa diffiċli biex jiġi vvalutat, il-programm appoġġa b'mod effikaċi l-parteċipazzjoni ċivika u l-involviment demokratiku u laħaq għadd kbir ta' ċittadini li kieku ma kinux ikunu involuti fil-proġett Ewropew. Bħala l-uniku programm tal-UE li jimmira direttament iċ-ċittadini l-EFCP pprova forum uniku biex jinvolvi ċ-ċittadini ordinarji tal-UE permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq. Matul l-aħħar tliet snin tal-programm, il-fatt li l-proġetti kienu ta' kwalità oġhla u fuq skala ikbar, b'rabtiet eqreb ma' temi ewlenin assoċjati maċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni ċivika u li kienu involuti ħafna parteċipanti li kienu qed jipparteċipaw għal-ewwel darba żied b'mod konsiderevoli l-impatt tiegħu. Fil-ġejjieni, u meta meqjusa r-rekwiżiti baġitarji, il-programm se jkompli jiġi żviluppat bl-għan li jiġi mmassimizzat l-impatt tiegħu u l-użu tal-fondi tiegħu b'mod strateġiku fuq attivitajiet li jiffukaw b'mod dirett fuq iċ-ċittadini.

L-evalwazzjoni interim tal-programm suċċessur Ewropa għaċ-Ċittadini 2014-2020 mistennija f' Diċembru 2017 ser tkun użata biex tivverifika sa kemm ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni tal-evalwazzjoni ex-post ġew segwiti.

## ANNEX

### **ANNEX 1: IL-PROGRAMM “L-EWROPA GĦAĊ-ĊITTADINI”: EŻEMPJI TA’ PROĠETTI TA’ PRATTIKA TAJBA**

#### **ĠEMELLAĠĠI BEJN L-IBLIET U NETWORKS TA’ ĠEMELLAĠĠI BEJN L-IBLIET**

##### **Il-Volontarjat għall-Ewropa EUR-VOL**

Matul is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, il-Belt ta’ Trogir (il-Kroazja) laqgħet id-delegati minn sebat ibliet sħab għal avveniment ta’ erbat ijiem li kien jindirizza l-valur tal-attivitajiet ta’ volontarjat bil-għan li jtkattar l-għarfien fost il-pubbliku, l-involviment u l-fehim tal-kontribut li jagħtu l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat lis-soċjetà. Din il-konferenza wittiet it-triq għall-ħolqien ta’ networks ġodda ta’ kooperazzjoni u azzjonijiet ta’ volontarjat komuni fl-oqsma tal-ambjent, l-arti u t-tagħlim tal-lingwi. Fi tmiem il-konferenza, ir-rappreżentanti tal-ibliet iffirmaw memorandum uffiċjali ta’ kooperazzjoni.

##### **Il-Karta tal-Komunitajiet Rurali Ewropej**

Mill-1989, il-Karta Ewropea tal-Komunitajiet Rurali għaqdet flimkien 28 komunità rurali mit-28 Stat Membru tal-UE kollha. Dan in-netwerk estensiv għażel li jiffoka fuq “kemm hu possibbli li wieħed jgħix fil-komunitajiet Ewropej” u biex jeżamina d-diversi aspetti tiegħu li jinkludu l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-integrazzjoni ta’ persuni b’diżabilità, il-parteċipazzjoni fid-demokrazija fil-livell lokali u l-involviment taż-żgħażaġh fil-ħajja tal-komunità. Il-motto tal-Karta huwa “in-nies jiltaqgħu man-nies” u dan huwa rifless fil-mod kif jiġu organizzati laqgħat bejn il-membri tal-Karta. Laqgħa ewlenija tan-netwerk tkun organizzata kull sena, flimkien ma’ laqgħat tematiċi speċjalizzati għal gruppi fil-mira speċifiċi. Wieħed mir-riżultati tal-proġett kien ħarsa ġenerali lejn il-mod ta’ kif il-parteċipazzjoni fid-demokrazija lokali tiġi organizzata f’pajjiżi Ewropej differenti.

#### **PROĠETTI TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI**

##### **Mewġ ta’ legalità, mewġ ta’ ċittadinanza**

Fl-2011, il-Fondazzjoni Taljana *Giovanni e Francesca Falcone*, flimkien ma’ organizzazzjonijiet sħab minn erba’ pajjiżi oħra organizzat żewġ avvenimenti internazzjonali li kellhom l-għan li jsaħħu r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata fil-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Konferenza internazzjonali organizzata f’Pariġi esplorat ir-rwol taż-żgħażaġh. Aktar minn 2 000 żaġżuġh kellhom l-oportunità li jimbarkaw fuq *id-Dgħajsa tal-legalità* li vvjaġġat minn Napli għal Palermo u biex jipparteċipaw f’dimostrazzjonijiet f’dawn l-ibliet. Il-proġett ingħata kopertura eċċellenti mill-midja u kkontribwixxa biex titqajjem kuxjenza pubblika dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

## PROĠETTI TA' KOMMEMORAZZJONI EWROPEA

### *Ferrovija ta' Kommemorazzjoni*

Il-Ferrovija ta' Kommemorazzjoni hija proġett li tikkommemora tfal u zgħażaġh minn bosta pajjiżi Ewropej deportati lejn il-kampijiet tal-konċentrament u tal-esterminazzjoni matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-wirja, li saret fil-vaguni reali tal-ferrovija b'magna tal-istim, uriet il-bijografiji ta' vittmi zgħażaġh minn tmien pajjiżi Ewropej. Hija tagħti għieh lill-għajnuna pprovduta mill-forzi alleati kontra n-Nazzisti li salvaw il-ħajja ta' eluf ta' tfal u zgħażaġh. Il-ferrovija żaret aktar minn 100 stazzjon tal-ferrovija u attirat 380 000 viżitatur. Il-wirja għibdet l-attenzjoni dwar aspekk partikolari tal-Olokawst, jiġifieri, id-deportazzjoni u l-esterminazzjoni ta' tfal u zgħażaġh u għabit u għall-attenzjoni ta' għadd kbir ta' ċittadini Ewropej tal-lum.